**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 488/2011**

**Illum: 13 ta' Jannar, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Sarah Zammit**
**(ID 63891(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Sarah Zammit ta' 20 sena, bint Anthony u Jacqueline nee` Grima, imwielda l-Pieta` nhar id-19 ta' Jannar 1991, residenti fil-fond 19, Triq Sant'Antnin, Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita` numru 63891(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Jannar 2011 u fis-snin ta' qabel din id-data:

a. Produciet, bieghhet jew xort'ohra traffikat ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi prepazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba:

i) Titratta mal-imputata Sarah Zammit talli kisret il-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u talli hija wkoll recidiva ai termini tal-Artikolu 50, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju 2009, moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn kienet giet kundannata piena karcerarja ta' sentejn;

ii) Tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi kif jirrizulta mill-provi prodotti, il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-25 ta' Jannar 2011, waqt illi Ufficjali tal-Pulizija ossia PC 10 Trevor Cassar Mallia, PS 891 u PS 579 Antoine Micallef kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa Ta' Xbiex, huma nnutaw vettura wieqfa u marru fuqha. Fl-istess vettura, apparti x-xufier u persuna ohra fuq wara, certu Omar Bekbak, kien hemm ukoll l-imputata, riekba bhala passiggiera hdejn ix-xufier. Waqt tfittxija li saret lil Omar Bekbak, gie elevat pakkett tas-sigaretti li kien fih bicca sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u f'pakkett tas-sigaretti li kellha f'idejha l-imputata, instabet ukoll sustanza suspettata raza tal-*cannabis*.[1]

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur (illum Supretendent) Dennis Theuma, esebixxa Dokument DT ossia bicca zghira allegatament raza tal-*cannabis* li kienet fil-pakkett tas-sigaretti li gie elevat minn fuq l-imputata odjerna fil-jum in kwistjoni minn PS 579 Antoine Micallef.[2] Fix-xhieda tieghu, l-istess PS 579 Antoine Micallef gharaf dan id-dokument bhala l-pakkett li nstab f'idejn l-imputata u li fih kien hemm is-sustanza in kwistjoni.[3] Dwar dan, fil-mori ta' dawn il-proceduri, id-difiza ddikjarat illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi s-sustanza esebita bhala Dokument DT hija effettivament raza tal-*cannabis* u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jitqabbad espert sabiex janalizza l-istess sustanza.[4]

[1] Ara x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 24 sa 26 tal-process) u x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 32 sa 33 tal-process).
[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma (a fol. 22 u 23 tal-process).
[3] Ara a fol. 33 tal-process.
[4] Ara l-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Ottubru 2015 (a fol. 31 tal-process).

L-imputata rrilaxxjat stqarrija nhar il-25 ta' Jannar 2011 wara li nghatat is-solita twissija[5] u d-drittijiet kollha li taghtiha l-ligi.[6] Fl-istess stqarrija, hija tghid illi Bekbak huwa habib taghha u tax-xufier tal-vettura li kienu fiha u li kienu qeghdin jitkellmu. Tghid ukoll illi kienet ilha gimgha ma tiehu l-eroina kemm ilha li bdiet tiehu l-*methadone*. Hija kkonfermat illi giet misjuba bicca zghira raza tal-*cannabis* fil-pakkett tas-sigaretti li hija kellha u li din id-droga kienet taghha. Tghid ukoll illi kienet ilha snin tpejjep ir-raza tal-*cannabis* imma kienet ilha gimgha tpejjep regolarment, minn meta regghet waqfet tiehu l-eroina. Kienet ilha snin bil-vizzju tal-eroina. Tghid ukoll illi l-ahhar li hadet kokaina kien xahrejn qabel. Meta gie ssuggerit lilha illi l-bicca raza tal-*cannabis* li kellu fuqu Omar Bekbak gabithielu hi minn hdejn id-*Detox*, hija wiegbet fl-affermattiv. Ikkonfermat illi huwa kien taha €25 u li hija xtratlu l-bicca rezina tal-*cannabis* li sabulu l-pulizija. Tghid illi din xtratha minn hdejn id-*Detox* u illi l-bicca raza li nstabet fuqha, tahielha Bekbak minn jeddu talli gabitlu r-raza, minghajr ma talabha flus. Mistoqsija kienx hemm xi okkazzjoni ohra fejn Bekbak talabha ggiblu xi bicca raza, hija wiegbet fin-negattiv u qalet illi kien dakinhar biss li ghamlet dan ghaliex meta marret ghal *methadone*, Bekbak tela' maghha u kif kienu hemm staqsiha jekk kinitx taf minn fejn seta' jixtri bicca raza. Hija staqsiet lil terza persuna li rreferiha ghand haddiehor, minghand min imbaghad inqdiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Id-difiza m'hijiex qed tikkontesta l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz u lanqas dak li stqarret l-imputata fl-istqarrija rilaxxjata minnha. Fit-trattazzjoni finali taghha, madankollu, id-difiza ssottomettiet illi dan kien kaz ta' traffikar by *sharing*. Tikkontendi d-difiza illi l-imputata ma rceviet l-ebda hlas, izda Bekbak patthielha lura ta' dak li ghamlet billi taha bicca raza.

Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza. F'dan ir-rigward, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea** deciza nhar il-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi tat-traffikar *by sharing* kif kontemplati fil-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dak il-kaz, il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A*

[5] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 7 tal-process.
[6] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 21 tal-process.

*(sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott ... bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*" (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Din kienet ukoll l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, diversament preseduta, fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Omissis** tad-19 ta' Novembru 2015. F'dak il-kaz, l-appellant kien akkwista pilloli *ecstasy* ghal shabu, li kienu hallsuh ghal sehemhom mill-istess, bl-intenzjoni li jikkunsmaw dawn il-pilloli waqt *party*. Wara li rreferiet ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120A(7) tal-

Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi huwa identiku ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101, il-Qorti kompliet hekk:

"*Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-*
*istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-*
*test ingliz fejn jinghad illi "the offender* <u>*intended to consume*</u> *the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.*

*Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine u emmnuta*
*mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija:*

"*Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u ghal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba.*"

*Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jinkwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-*

*decizjonijiet Il-Pulizija v. Russell Bugeja u Il-Pulizija v. Marco Galea, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*"

Issa f'dan il-kaz, fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi fil-jum in kwistjoni hija xtrat bicca raza tal-*cannabis* ghal terza persuna ossia Bekbak li taha l-flus ossia s-somma ta' €25 ghall-istess droga. Tghid illi Bekbak talabha jekk kinitx taf minn fejn seta' jakkwista bicca raza u indahlet hi stess sabiex tottjeniha ghalih, kif fil-fatt ghamlet. Ir-raza li nstabet fil-pussess taghha, imbaghad, u li dwarha d-difiza ddikjarat illi ma kinitx qeghda tikkontesta li din fil-fatt kienet raza tal-*cannabis*, skont hi, giet moghtija lilha mill-istess Bekbak talli akkwistatlu d-droga. Apparti illi f'dan il-kaz, mill-istqarrija tal-imputata ma jirrizultax illi Bekbak u hi kellhom xi hsieb li jikkunsmaw dik id-droga fl-istess post u fl-istess hin, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument dan kien il-kaz, m'hemmx dubju illi l-imputata ma xtratx ir-raza ghalija, izda xtratha specifikatament ghal terza persuna bil-flus li kien pprovdielha huwa stess u dan bil-hsieb li tghaddiha lilu, kif fil-fatt tghid li ghamlet. Fi kliem iehor, l-imputata ghalhekk indahlet sabiex tixri r-raza tal-*cannabis* ghal terza persuna, xtrat l-istess raza u mbaghad ghaddithielu. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputata qasmet ir-raza li kellha ghall-uzu taghha jew li kienet intiza ghaliha ma' terza persuna, ghaliex hija xtrat din id-droga mhux ghaliha, izda ghal terza persuna li hallas ghal dak li kienet xtratlu l-istess imputata, bl-intenzjoni ghalhekk illi tipprovdi lit-terza persuna bid-droga li kienet xtrat specifikatament ghalih. Il-fatt illi skont hi, sussegwentement u minn jeddu, Bekbak ghaddhielha bicca raza, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi r-raza nxtrat mill-imputata specifikatament ghal Bekbak. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni sentenza hawn fuq citata, dawn ic-cirkostanzi ma jinkwadrawx fil-parametri tat-traffikar *by sharing*, ghaliex dan ma jinkludix dik is-sitwazzjoni fejn il-hati jkun akkwista d-droga bl-intenzjoni li jghaddiha lil terza persuna.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ma esebietx is-sustanza li giet misjuba fil-pussess ta' Bekbak u ghaldaqstant din ma gietx analizzata f'dawn il-proceduri. Madankollu, hawnhekk il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sharon O'Neil</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace</u>**. F'dan il-kaz, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita minn dak li stqarret l-imputata fl-istqarrija rilaxxjata minnha. Fl-istess stqarrija, l-imputata tghid ukoll illi hija kienet ilha snin taghmel uzu mir-raza tal-*cannabis* u li f'dik l-ahhar gimgha kienet qeghda tuzaha b'mod regolari. Ghalhekk, l-imputata kienet taf ben tajjeb x'inhi l-*cannabis* u l-Qorti tqis li tista' tistrieh fuq l-istqarrija taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti fil-waqt illi tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, <u>l-imputazzjoni (a)</u> migjuba kontra l-imputata, hija tal-fehma li c-cirkostanzi tal-kaz ma jammontawx ghal *sharing* kif ikkontemplat mil-ligi u konsegwentement m'huwiex applikabbli l-*proviso* tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-<u>imputazzjoni (b)</u> li tirreferi ghall-pussess semplici tad-droga kokaina, jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputata illi l-ahhar darba li kienet ghamlet uzu mill-kokaina kien xahrejn qabel. Din l-imputazzjoni tirreferi ghall-jum tal-25 ta' Jannar 2011 u ghas-snin ta' qabel din id-data u ghalhekk meta wiehed jikkunsidra illi l-imputata giet notifikata bl-imputazzjonijiet odjerni fl-10 ta' Lulju 2013[7] u illi l-perjodu preskrittiv fil-kaz tar-reat ta' pussess semplici ta' droga huwa

---

[7] Ara r-riferta esebita a fol. 10 tal-process.

dak ta' hames snin, b'dan ghalhekk illi l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, f'dan il-kaz, tista' tmur lura sal-10 ta' Lulju 2008, il-Qorti tqis illi din l-istess imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Permezz tal-imputazzjoni (c), imbaghad, l-imputata giet akkuzata wkoll bil-pussess semplici tad-droga eroina. Dwar dan, fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi kienet ilha gimgha ma tiehu d-droga eroina stante li kienet qeghda tiehu l-*methadone*, li jfisser ghalhekk illi sal-gimgha ta' qabel, hija kienet tabbuza minn din id-droga, apparti li tghid ukoll illi kienet ilha snin bil-vizzju tad-droga eroina. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), li permezz taghha l-imputata giet akkuzata bil-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, apparti li jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputata kienet fil-pussess tar-raza ghall-uzu taghha fil-jum tal-25 ta' Jannar 2011, fl-istqarrija taghha tghid ukoll illi kienet ilha snin tpejjep ir-raza tal-*cannabis*, izda matul il-gimgha ta' qabel kienet qeghda tehodha regolarment ghaliex kienet waqqfet l-uzu tal-eroina. Ghalhekk, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fl-ahharnett permezz tat-talba mmarkata (i), il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputata talli kisret il-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, kif ukoll talli saret recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u dan b'sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju 2009, permezz ta' liema, hija kienet giet ikkundannatha ghall-piena ta' sentejn prigunerija.

Issa l-ewwel parti ta' din it-talba, ossia dik li tirreferi ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni u dan stante illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, diga` trattat mal-imputata dwar ir-reati fis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni.[8] Fir-rigward tat-tieni parti ta' din it-talba, ossia l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, din tirreferi specifikatament ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, datata 12 ta' Mejju 2009, kopja ufficjali ta' liema sentenza madankollu baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-addebitu tar-recidiva ma giex sodisfacentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

---

[8] Ara s-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni moghtija fil-konfront tal-imputata odjerna nhar it-30 ta' Awwissu 2008, a fol. 29 u 30 tal-process.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss hija kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnha.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputata, kif aggornata sa Frar 2011 u li sa dakinhar, kienet tikkonsisti fi tmien faccati u tinkludi *inter alia* kundanni dwar serq semplici u aggravat, falsifikazzjoni ta' dokumenti, pussess ta' droga u tlajjar jew thajjir ghall-prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

Qieset ukoll c-cirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz u specifikatament li r-reat ta' traffikar da parti tal-imputata kien jikkonsisti fil-fatt illi f'okkazzjoni wahda, hija xtrat bicca raza tal-*cannabis* bil-prezz ta' €25 ghal terza persuna u ghadditielhu. Jirrizulta altrimenti illi l-imputata kienet ilha hija stess bil-vizzju tad-droga ghal diversi snin. Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi, fir-rigward tal-imputazzjoni (a), il-piena ta' prigunerija tassattiva fil-minimu taghha tkun piena idonea. Fir-rigward tal-piena tal-multa tassattiva dwar l-imputazzjoni (a) u l-piena ta' multa li qeghda timponi fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-addebitu tar-recidiva kif indikata fit-talba mmarkata (i) u qeghda tilliberaha minnha, izda qed issibha hatja tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (d) u qed tikkundannaha ghall-**piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-ewwel parti tat-talba mmarkata (i) ossia dik il-parti li tirreferi ghall-ksur tal-kundizzjonijiet imposti b'diversi sentenzi, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni.

Tordna d-distruzzjoni tad-Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax fi zmien hmistax-il jum mil-lum, permezz ta' nota, illi hija tehtieg dan id-dokument ghal fini ta' xi proceduri ohrajn fil-konfront ta' terzi persuni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba mmarkata (ii), li permezz taghha l-Prosekuzzjoni talbet l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat